DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 79/2011

tal-1 ta' Lulju 2011

li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżwali u soċjetà tal-informatika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 107/2009 tat-22 ta' Ottubru 2009 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/87/UE tal-5 ta' Frar 2010 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' dejta personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], għandha tiġi inkorporata f'dan il-Ftehim,

(3) Id-Deċiżjoni 2010/87/UE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/16/KE [3], li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 5ef (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/16/KE) fl-Anness XI tal-Ftehim għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**32010 D 0087**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/87/UE tal-5 ta' Frar 2010 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' dejta personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 39, 12.2.2010, p. 5)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2010/87/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2011, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

---

[1] ĠU L 334, 17.12.2009, p. 4.
[2] ĠU L 39, 12.2.2010, p. 5.
[3] ĠU L 6, 10.1.2002, p. 52.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.